# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 10 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 27**
**Rikors Guramentat Numru : 967/2017/LSO**

**Evangelista Camilleri [ID 476436M]**
**Mark Joe Camilleri [ID 298478M]**
**Noel Camilleri [68671M]**
**Salvatore Camilleri [ID 55167M]**
**Charlie Camilleri [ID 424262M]**
**Doris Camilleri [ID 444664M]**

**vs**

**Carmela Galea [ID 173452M]**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Evangelista Camilleri [ID 476436M] et datat 20 ta' Ottubru 2017 fejn esponew: -

Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond Flat 1, 62, 'Kristu Re' Triq il-Katidral, San Pawl il-Bahar in kwantu Evangelista Camilleri hija l-uzufruttwarja u r-rikorrenti ohrajn huma l-eredi ta' missierhom Joseph Camilleri;

Illi l-intimata kienet qieghda tokkupa dana minghajr titolu validu ta' kera u infatti l-esponenti u wliedha ilha zmien twil tokkupa dana l-fond u ma trid thallas l-ebda hlas ta' kera u lanqas hallset ghas-servizzi hekk kif mitluba mir-rikorrenti *stante* li hija qieghda taghmel uzu minn dina l-proprejta';

Illi infatti s-servizz tad-dawl u l-ilma qieghed maqtuh;

Illi l-intimata giet interpellata sabiex tizgombra minn dina l-proprjeta' pero' baqghet inademjenti;

Illi l-intimata ghadha sal-lum tiddetjeni dana l-fond abbuzivament u minghajr jedd legali;

Illi jezisitu l-elementi kollha preskritti mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 sabiex it-talba tal-esponenti ghall-izgumbrament tal-intimata mill-post imsemmi tigi deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza billi sa fejn jafu l-esponenti l-intimata ma ghandha l-ebda difiza x'taghti kontra din it-talba;

Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li ghar-ragunijiet premessi, din l-Qorti, jghogobha:-

1. Ticccediedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ta' tenur tal-artikolu 167 u 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti tizgombra mill-fond Flat 1, 62, 'Kristu Re' Triq il-Katidral, San Pawl il-Bahar;

Bl-ispejjes kontra l-intimata li hija ngunta minn issa in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni u spejjes inkorsi kompetenti lill-esponenti:

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Novembru 2017 fid-9:30am, b' ordni lill-intimati biex jidhru f' dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma nkluz dak tal-10 ta' April 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Josette Sultana ghall-atturi, l-attur Noel Camilleri prezenti fl-Awla. Billi irrizulta li l-intimata ma dehritx quddiem il-Qorti biex tikkontesta t-talba;
INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti, wara li rat l-Art 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll li l-intimata debitament notifikata ma dehritx, sabiex tressaq il-kontestazzjoni ghat-talbiet attrici fit-termini tal-artikoli msemmija;

Ikkonsidrat li t-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

## II. KONKLUZJONI

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-Art *167 et seq* tal-Kap 12 u tilqa' t-talbiet attrici u ghall-fini tat-tieni talba tikkundanna lill-intimata sabiex tizgombra mill-fondi msemmija fi zmien perentorju ta' xahar millum.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-istess intimata.

Il-Qorti qed tirriserva favur ir-rikorrenti kwalsiasi azzjoni ohra lilha spettanti ghad-danni fil-konfront tal-istess intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' April 2018**